MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 56/2015

**FIM Bank plc (C17003)**

**vs**

**Food World Limited (C51148); Etienne Cassar; Carmen Nathalie Cassar; Ryan Schembri; Angie Schembri; Cassar and Schembri Marketing Limited (C33174); Mark Mangion jinnegozja taht l-isem Mark Mangion Wholesalers; Slais Company Limited (C2659); Ocean & Sky Logistics Limited (C35012); Pebble Beach Company Limited (C18582); Globe International Enterprises Limited (C48199); Fratelli Limited (C41032); Curmi Catering Services Limited (C36220); AMG Cold Stores Limited (C35425)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Ocean & Sky Logistics Limited li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm imfissra, intalbet din il-Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Nru. 1091/201 fl-ismijiet FIM Bank p.l.c. vs Ocean & Sky Logistics Limited u dan ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) u/jew (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tas-socjetà FIM Bank p.l.c. li ghar-ragunijiet moghtija, sostniet li t-talba tas-socjetà Ocean and Sky Logistics Limited ghandha tigi michuda.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

L-Art. 836(1)(d) u (f) jipprovdi testwalment:

> *"(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Ikkunsidrat illi ghandu jigi senjalat immedjatament, in linea ta' principju:

*"F'dawn il-proceduri, din il-Qorti m'ghandhiex tidhol fil-meritu tal-pretensjonijiet tal-partijiet, izda trid tara biss jekk, prima facie, is-socjetà intimata kienitx gustifikata tikkawtela l-pretensjoni taghha."*

(ara Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited, Qorti Civili Prim'Awla - 13 ta' Marzu 2009).

Fid-decizjoni fl-ismijiet Joseph Camilleri et vs Anthony Gove et, Prim'Awla, 10 ta' Mejju 2001, il-Qorti ddecidiet illi:

*"...mid-dispozizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Fil-kawza fl-ismijiet L-Avukat Dottor Tonio Fenech nomine et vs l-Avukat Dottor Patrick Spiteri propio at nomine et:

> *"Ghandu jigi puntwalizzat li f'dawn il-proceduri l-kwestjonijiet sollevati, b'mod partikolari dawk il-kwestjonijiet li essenzjalment jappartjenu ghal meritu talkontroversja bejn il-partijiet, m'ghandhomx jigu trattati u esaminati fil-fond. Hawnhekk qeghdin fil-kamp tal-"prima facie" u l-Qorti zgur li m'ghandiex tidhol u tesamina "funditus" il-meritu tal-kwestjoni. Hawnhekk si tratta ta' att kawtelatorju li jinhareg semplicement ghaliex l-intimat ikkonferma bil-gurament li huwa jippretendi li ghandu xi drittijiet fil-konfront ta' diversi persuni inkluzi rrikorrenti. Hu ovvju li l-intimat, la darba ottjena l-hrug tal-att kawtelatorju in kwestjoni, ghandu jassumi r-responsabilitajiet kollha u l-konsekwenzi kollha skond il-ligi anke fil-konfront tal-rikorrenti odjerni. F'dawn il-proceduri huma rrikorrenti li ghandhom jipprovaw "prima facie" li l-att kawtelatorju in kwestjoni m'ghandux jinzamm fis-sehh u dana a bazi ta' dawk ir-ragunijiet li huma specifikati fil-ligi u li gew indikati mir-rikorrenti."*

Il-Qorti tenfasizza inoltre li hija ma tistax leggerment ixxejjen id-dritt ta' pretiz kreditur li jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu b'kull mezz li taghtih il-ligi. Tenfasizza wara kollox illi kull mandat johrog fuq ir-responsabbilità ta' min hargu, u li jkun ikkonferma l-pretensjoni tieghu bil-gurament. Fil-kaz in ezami l-partijiet bdew proceduri ghall-firda personali u fic-cirkostanzi, il-mara ghandha dritt tittenta tikkawtela l-jeddijiet taghha.

Fid-decizjoni "Visa Investments Limited vs Blye Engineering Co. Ltd" gie ritenut:

*"Illi ovvjament dan ma jfissirx li tali azzjoni tas-socjetà intimata ser tirnexxi, ghaliex id-determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma' l-mertu tal-kawza fl-ambitu tal-kawza proprja dwar il-mertu."*

Fid-dawl tal-premess il-Qorti ssib illi r-ragunijiet li qed jingiebu lilha biex jiggustifikaw ir-revoka tal-mandat kawtelatorju de quo jirrikjedu essenzjalment skrutinju ta' provi fil-mertu. Dan l-ezercizzju jmur oltre mill-parametri ta' dawn il-proceduri, u jibqa' essenzjalment rizervat ghall-Qorti fit-trattazzjoni taghha tal-kawza fil-mertu.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' Ocean & Sky Logistics Limited.

L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu minn Ocean & Sky Logistics Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------